VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,482, 6 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 320 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Psychology in Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 483 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji għall-Kors kif maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health);

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Psychology fil-Clinical Psychology - M.Psy. (Clin.) – jew fil-Counselling Psychology - M.Psy. (Couns.) – jew fl-Educational Psychology - M.Psy. (Ed.) – jew fil-Forensic Psychology – M.Psy. (For.) – jew fil-Health Psychology – M.Psy. (Health);

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Psychology P.G.Dip. Psy; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**L-Oqsma ta' Speċjalizzazzjoni**

3. Il-Kors ikun offrut fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin: Clinical Psychology, Counselling Psychology, Educational Psychology, Forensic Psychology u Health Psychology."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafi (1), (2), (3) u (4) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq), jew kwalifika ekwivalenti minn din jew minn università oħra; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Psikoloġija jew grad ta' Bachelor bil-Psikoloġija bħala l-qasam ta' studju prinċipali, fiż-żewġ każijiet miksub tal-anqas b'Kategorija IIA jew grad ieħor f'qasam relatat meqjus bħala rilevanti mill-Board tal-Istudji miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq),
sakemm li l-kandidati kollha li japplikaw skont it-termini ta' dan il-paragrafu jkunu jew kisbu 60 krettu ECTS fil-Psikoloġija, kif approvat mill-Bord, wara l-għotja tal-grad tagħhom, jew kisbu Higher Diploma in Psychology mill-anqas b'Għaddew b'Mertu, li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-kwalifika indikata fil-paragrafu (a) ta' dan l-ordinament.

(2) L-applikanti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament huma meħtieġa wkoll jew (i) li jkollhom minimu ta' 2400 siegħa ta' esperjenza f'kuntest kliniku jew ta' *counselling* jew tal-edukazzjoni jew tal-forensika jew tas-saħħa; jew (ii) li jkollhom minimu ta' 1200 siegħa ta' esperjenza f'kuntest kliniku jew ta' *counselling* jew tal-edukazzjoni jew tal-forensika jew tas-saħħa, taħt is-supervizzjoni ta' psikologu li għandu il-*warrant*. Din l-esperjenza normalment għandha tkun inkisbet wara li l-applikanti kienu mogħtija l-kwalifika imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, għandu jiddeċiedi fuq in-numru ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw f'wieħed mill-ħames oqsma ta' speċjalizzazzjoni ndikati fl-ordinament 3. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli f'kull qasam ta' speċjalizzazzjoni fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd tal-appliklanti jkun limitat u n-numru tal-applikanti eliġibbli jkun aktar minn dak tal-postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom ikunu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li jkunu mwieżna kif ġej:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad – 20%;
(b) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam jew f'qasam relatat -15%;
(ċ) il-kapaċità u d-dispożizzjoni professjonali – 55%; u
(d) ir-referenzi – 10%."

7. Il-paragrafu (8) li ġej għandu jizdied wara l-paragrafu (7) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(8) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kollha sal-31 ta' Awwissu ta' qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel."